**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur Law).**

**Illum 22 ta' Awwissu 2023**

**Kumpilazzjoni Numru 34/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**Vs**

**Mohammad Darwesh**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mohammad Darwesh ta' 24 sena detentur tal-permess ta' residenza bin-numru 122502A li permezz taghhom gie akkuzat talli f' dawn il-gzejjer nhar il-5 ta' Awissu 2021 ghal habta ta' bejn id-21:30hrs u 21:50hrs fi Triq ir-rabat u/jew Triq il-Kaptan Frank Debono gewwa Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi f' dawn il-Gzejjer:

1. Ikkometta serq aggarvat ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-hin, bin-natura tal-haga misruqa u bil-valur, liema valur

jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (EUR 2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Anas Alahmad u/jew persuni/entitatjiet ohra u dan bi ksur tal-artikoli 42, 261(a) (c ), (f), (g), 262(1)(a)(b), 267, 270, 271(g), 274( c), 275, 277(a), 279(b), 280(2) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anas Alahmad skont kif iccertifika Dr Syed Aqeel Mehdi MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex u dan bi ksur ta' artikoli 214 u 221 tal-kap 9 ta' Ligjiet ta' Malta;
3. Kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet u x-xhur ta' qabel bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Anas Alahmad biza li ser tintuza vjolenza kontrih meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkaguna biza u dan bi ksur ta' l-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex f' kaz ta' htija bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza u cioe' ta' Anas Alahmad jew ghaz-zamma tal-bon-ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus u dan ai termini tal-aritkolu 383 et seq tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni inkluza fil-mori tal-kawza contra Mohammad Darwesh a beneficcju ta' Anas Alahmad, u dan ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati.

Semghet il-provi.

Rat l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawz tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-qorti fliet il-provi migbura.

Fl-**istqarrija** rilaxxata mill-imputat wara li huwa nghata d-drittijiet legali tieghu u ghazel li jezercitahom, l-imputat sostna li huwa ghandu jithallas ghal xi xoghol minn Alahmad. Spjega li fil-5 ta' Awissu 2021, huwa mar ikellem lil Alahmad f' Marsalforn bil-kelma t-tajba izda Alahmad beda jghajjat u spicca carratlu l-qmis filwaqt li tah daqqa ta' ponn go idu. Spjega li huwa ta daqqa lura lil Alahmad u laqtu izda nsista li huwa imbttah biss hekk kif Alahmad

tah daqqa go idu. Huwa cahad li ha xi envelope b' xi flus go fih kif ukoll cahad li ta lil Alahmad b' kanna tal-hadid. Cahad li huwa kien qed isegwi lil Alahmad flimkien ma' kuginuh. L-imputat insista wkoll li huwa kien wahdu  dakinhar. Sostna li huwa ta daqqa lil Alahmad meta dan kien bilqeghda gol-vann tieghu flimkien ma' Ali Tabib Yusef. Cahad li huwa qatt ipprova jtajjar lil Alahmad b' xi van.

Xehed **PS 664 Jason Xerri** li spjega li fil-5 ta' Awissu 2021 ghal-habta ta' 9.50pm il-pulizija rceviet telefonata li kien hemm argument fi Triq ir-Rabat, kantuniera ma' Triq Frank Debono Marsalforn. Spjega li huwa nizel fuq il-post u kellem lil Anas Alahmad u lil Ali Tabib Yousef li stqarrew li kienu ghadhom kemm habtu ghalihm erba' sirjani. Spjega li Alahmad kien qallu li l-imputat kien hadlu envelop kontenenti EUR 4,150 minn gol-vann. Sostna li Alahmad kien qallu li flimkien ma' l-imputat kien hemm Mohammed Darwish. Sostna li Alahmad kien spjegalu li l-imputat kellu hadida f' idu u li l-envelop li ha kien ghaddih lil Mohammed Darwish. Spjega li Alahmad kellu daqqa kbira go ghajnu u daqqiet f' sidru u in fatti giet ambulanza li haditu lejn l-isptar.

Spjega li Alahmad kien qallu li Mohammed Darwish (li jigi kugin ta' l-imputat) kellu sikkina u kien ghamilhielu ma' ghonqu u li kien hemm certu Mutasem u Ibrahim li bdew jiggieldu maghhom ukoll. Alahmad kien spjega lil PS 664 li huwa kien gie sewit mill-imputat mir-Rabat Ghawdex meta kien qed jigbed il-flus mill-BOV. Sostna li l-imputat kien mar ghamel rapport mal-pulizija u kien wkoll gie ccertifikat li qed isofri minn griehi gravi. Sostna li Alahmad kien informah li dan l-incident inholoq fuq xi xoghol ta' kisi u rcevuti nieqsa. Spjega li Alahmad kien qallu li xi granet qabel, l-imputat kien prova jtajjru bil-van.

**Dr Joseph Vella** xehed li huwa ezamina lill-imputat fis-6 ta' Awwissu 2021 u dan kellu ksur fl-ghadma ta' idu. Huwa ccertifika l-griehi bhala gravi.

**Dr Syed Aqeel Mehdi** xehed dwar il-griehi li kellu fuqu Alahmad li gie ezaminat minnu fil-5 ta' Awwissu 2021. Ikkonferma li l-griehi kienu hfief.

**Anas Alahmad** spjega li huwa mar l-ATM tal-BOV fir-Rabat, Ghawdex ghal habta ta' 9.30pm. Sostna li kien rah Mohammad Darwish (li allegatament jigi kugin ta' l-imputat) li kien ghaddej mal-mara tieghu bil-karozza u segwih lejn Marsalforn. Sostna li Darwish ghamilha kemm-il darba li joqghod isuq warajh u jixghellu l-*bright*. Sostna li meta wasal fejn Marsalforn Guest House, huwa sab tlett min-nies jistennewh. Huwa dak il-hin kien qed ikellem lil Al Tabib. Spjega li gew ghalih l-imputat, Mutassem Ibrahim u Darwish. Spjega li huwa qal lil imputat li huwa ma jistax ikellmu ghax kien gia' ghamillu rapport mal-pulizija. Spjega li huwa dak il-hin cempel lil pulizija u dawn qalulu biex imur jaghmel rapport l-ghassa ta' Marsalforn. Qal li waqt it-telefonata, l-imputat u Mutassem bdew jaghtuh id-daqqiet. Sostna li dawn bdew jaghtuh b' idejhom izda kellhom xi haga wkoll f' idejhom ghax hassha. Spjega li huwa mar l-isptar permezz ta' ambulanza. Insista li huwa baqa' gol-vann.

Kompla jixhed li l-imputatipprova jehodlu l-mobile u hadlu envelop ta' flus. Sostna wkoll li l-imputat ipprova jehodlu c-cwievet tal-vann ukoll. Sostna li fl-envelop kien hemm EUR 4,150. Sostna li imbaghad ic-cwievet tal-vann kien sabhom mal-art. Spjega li meta mar l-ATM, huwa kien ghadu kemm ghamel depozitu ta' EUR 550. Sostna li l-flus fl-envelope kien hallihom fil-karozza ghax ried ihallas ta' materjal. Insista li l-envelope li kien ta' Galea tal-karozzi, kien jinsab fuq id-dashboard fejn hemm l-isteering. Spjega li t-tieqa kienet

miftuha u li huwa ntalaqt fuq il-kappell ta' ghajnejh. Sostna li kien hemm wiehed minnhom li kellu sikkina ghaliex tefaghha ma' ghonqu. Sostna li beda hiereg id-demm u ghalhekk huwa ma bediex jara. Baqa' izda jinsisti li d-daqqa nghatat lilu mill-imputat.

Spjega li qabel dan l-incident, xi erba' jew hames xhur ilu, kien hemm incident iehor ma' l-imputat fejn kienu bdew jattakkawh xi nies ohra, izda sostna li huwa ma kienx ghamel rapport mal-pulizija. Sostna li gieli saqu warajh wkoll, izda huwa ma jiftakarx dati u qatt ma ghamel rapporti mal-pulizija. Sostna li hemm problema mal-imputat fuq xi rcevuti tal-VAT.

In kontroezami, huwa sostna li ghalkemm kien qed jibza', huwa halla l-envelope fuq id-dashboard, Sostna li kienu huma t-tlieta biss li dahlu jdejhom gol-vann. Fuq domanda tal-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, huwa sostna li l-envelop seta' hadu jew wiehed jew l-iehor. Kompla jghid li kien l-imputat li pprova jehodlu l-mobile u c-cwievet tal-vann u ghalhekk jista' jkun hu li ha l-envelope.

**Yousef Al Tabib** xehed li cempillu Alahmad u qallu li kien hemm karozza qed issegwih. Spjega li huwa mar fejn Alahmad u dan tah EUR 150 bhala hlas ghaliex daqshekk kellu flus. Spjega li imbaghad gew tlett persuni izda ma jafx x' jisimhom. Qal li jaghraf lil imputat bhala wiehed minn dawn il-persuni. Qali huwa kien riekeb fil-karozza. Sostna li dawn it-tlett persuni bdew ikellmuh fuq flus u Alahmad cempel lil pulizija. Qal li kif kien qed jaghlaq il-mobile, il-konversazzjoni saret iktar aggressive. Sostna li l-imputat ipprova jiehu c-cwievet tal-karozza. Qal li huwa nizel mill-karozza biex jipprova jferraqhom. Sostna li Alahmad baqa' gol-karozza u li tnejn kienu qed jattakkawh.

Ikkonferma li wiehed minn dawn il-persuni kien l-imputat. Spjega li huwa ra lil dawn il-persuni jsawwtu lil Alahmad. Huwa sostna li kien bil-lejl u huwa ma nnutax li dawn il-persuni kellhom xi haga f' idejhom. Sostna li dawn iz-zewg persuni kienu qed jippruvaw jiehdu l-mobile u c-cwievet lil Alahmad. Sostna li huwa pprova jifrihom izda ma rnexxilux u ma riedx jibqa' fil-problema.

Sostna li huwa ma lahaqx induna jekk kienx hemm xi haga fuq id-dashboard. Qal li huwa dam biss zewg minuti fil-karozza. Spjega li l-flus li kien tah Alahmad kienu f' idejn l-istess Alahmad. Sostna li dawn il-flus kienu taht saqajn Alahmad jew qrib il-but ta' Alahmad.

In kontroezami, huwa spjega li dakinhar ta' l-incident, il-kugin ta' l-imputat u cioe' Mohammad Darwish ma kienx prezenti.

**L-Ispettur Josef Gauci** xehed li huwa gie nfurmat mis-surgent 664 fil-5 ta' Awwissu 2021 ghal habta ta' l-ghaxra ta' filghaxija li sehh argument f' Marsalforn li fih kienu nvoluti Anas Alahmad, Mohammad Darwesh u Mohammad Darwish. Spjega li Alahmad allega li kien insteraqlu envelop li kellu madwar EUR 4,000 u EUR 4,500. Spjega li Alahmad kien gie ccertifikat li sofra griehi hfief. Spjega li huwa kien ha l-istqarrija ta' Mohammad Darwesh u anke gew elevate xi filmati. Sostna li Alahmad u Mohammad Darwish gew ukoll investigati. Spjega li l-imputat kellu griehi gravi. Spjega li kien gie mitkellem Al Tabib Yousef li kien sostna li Darwish ma kienx prezenti izda li l-imputat kien involut f' dan l-argument.

In kontroezami, huwa sostna li l-footage li ezebixxa ma jurix il-glieda izda kulma jidhru l-imputat u zewg persuni ghaddejjin jimxu qabel il-glieda u wara l-glieda. Spjega li Alahmad allega li Darwish ghamillu sikkina m' ghonqu u li Darwesh ha l-envelope tal-flus u ghaddih lil Darwish. Izda ma ttiehdux passi kontra Darwish peress li Al Tabib sostna li Darwish ma kienx prezenti. Ikkonferma li l-verzjoni moghtija minn Alahmad u l-verzjoni moghtija minn Al Tabib ma qablitx fis-sens li Alahmad qal li Darwish (il-kugin ta' l-imputat) kien prezenti waqt l-incident mentri Al Tabib cahad li Darwish kien prezenti.

**PC 1155 Nicholas Gatt** spjega li huwa Eleva footages tal-cameras u ha stills minnhom. Spjega li dawn gew mghoddija lil Spettur  tal-pulizija.

**Dr Joseph Grech in rapprezentanza ta' Epic Limited** ezebixxa il-calls kollha lisaru matul il-gurnata tal-5 ta' Awwissu 2021 min-numru 35699179546 li huwa numru registrat fuq Anas Alahmad.

**Sammy Camilleri in rapprezentanza ta' Melita Limited** spjega li r-registered owners tan-numri 99802152 u 99342536 huwa Mohammed Darwish ID 103938A u mohammed Darwesh ID 122502A. Spjega li huwa qed jezebixxi l-calls u sms li gew skambjati fil-5 ta' Awissu 2021.

**Jonathan Mizzi** xehed fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2022 fejn ezebixxa r-rapport tieghu u kkonfermah bil-gurament tieghu.

**Dr Edward Cherubino** spjega li huwa gie mahtur fl-4 ta' Novembru 2021 biex jezamina lil Alahmad Anas. Sostna li l-griehi li soffra huma ta' natura hafifa. Huwa ipprezenta rapport li kkonfermah bil-gurament tieghu.

**PS 1040 John Grima** spjega li huwa kien gie mghoddi mandat ta' arrest fir-rigward ta' Mohammed Darwish u mar biex jezegwih. Spjega li huwa kien ta d-drittijiet legali lil Darwish. Sostna li fuqu kellu ricevuta li gibed mill-BOV ta' MArsalforn EUR 500 fit-2 ta' Awissu 2021.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-**ewwel imputazzjoni**, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' serq aggravat.

Fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Jannar, 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs Clifford Camilleri** deciza fis-7 ta' Jannar 2013 intqal li l-elementi biex jissussisti r-reat ta' serq huma ben stabbiliti. Saret referenza ghal **Notes on Criminal Law** Vol II pagna 269 fejn il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

> *our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

Intqal ukoll:

> *Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet*

***__Pulizija vs John Galea__*** *deciza fil-31 ta' Jannar 2003 stabbiliet li:*

*Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara [op.cit. Vol. I , para. 2035]:-*
*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-Crivellari jghid :-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*
*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or*

*profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

*u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*
*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. John Vella** deciza fid- 19 ta' Novembru 2015, intqal:

> *"Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn Carrara fil-Programma Speciale vol IV para 2017 - vide s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Tanti (Vol XXXII(e) IV/814) deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 fejn sar referenza ghal dak li jghid il-gurist Carrara:-*
>
> *Il-Carrara jghid:*
> *"il furto e' la contrettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*
>
> *Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid ikun hemm l- elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':*
> *1. il-contrectatio tal-haga,*
> *2. li tappartjeni lil terzi,*
> *3. maghmula b'mod frawdolenti,*
> *4. minghajr il-kunsens tas-sid, u*
> *5. animo lucrandi.*
>
> *Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-contrectatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti,*

*irridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa mportanti sine qua non biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-tehid tar-res aliena izda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-contrectatio mhix bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia.*

*Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jghid Manzini presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'ghandux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, min jiehu dan l-oggetti ma jistax jinstab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjegat fil-kawza Il-Pulizija v S. Pisani - deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu.*

*F'cirkostanzi eccezzjonali jista jkun prezunt, u allura l-buona fede tal-awtur tal-contrectatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew barswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.*

*Carrara jghid:*
*"avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso.""*

Fid-dawl ta' dawn il-kriterji, dwar din l-imputazzjoni, din il-Qorti tqies li mill-provi prodotti, ma jirrizultax li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvatha. Ix-xhud okulari Al Tabib Yousef ma ta l-ebda dawl fuq din l-imputazzjoni stante li ghalkemm sostna li ra li l-persuni nvoluti kienu qed jippruvaw jiehdu l-mobile u c-cwievet tal-karozza lil Alahmad, huwa ma nnota l-ebda envelope. L-imputat fl-istqarrija tieghu jichad bl-ikbar qawwa li huwa ha xi envelop.

Din il-Qorti lanqas tista' tistrieh fuq ix-xhieda ta' l-allegata vittma. Dana peress li f' partijiet mill-istess xhieda tieghu, tali verzjoni ma tikkombacax mal-verzjoni moghtija mix-xhud okulari Al Tabib. Dana qed jinghadd peress li l-allegata vittma tinsisti li kien prezenti waqt dan l-incident Mohammad Darwish mentri x-xhud okulari Al Tabib jsostni li Darwish ma kienx prezenti. Din il-Qorti tqies ukoll li xhin gharblet ix-xhieda moghitja mill-allegata vittma, jirrizulta li l-vittma qed tassumi li kien l-imputat li ha dan l-envelope u in fatti,

f' partijiet mix-xhieda tieghu, l-allegata vittma sostniet li kienu tlett persuni li kienu qed idahhlu idejhom fil-karozza.

Din il-Qorti fehmet l-argument tal-parte civile meta argumentat li Mohammad Darwish kien osserva lill-allegata vittma fejn l-ATM fir-Rabat Ghawdex u segwih bil-karozza bil-konsegwenza li meta l-allegata vittma waslet f' Marsalforn, giet avvicinata mill-imputat u persuni ohra. Madanakollu, din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzzjonijiet u assunzjonijiet hi stess bl-immaginazzjoni taghha. Quddiem din il-Qorti, ma tressqux dawk il-provi sufficjenti biex issib htija fl-imputat fir-rigward ta' din l-imputazzjoni. Ghaldaqstant, mill-provi akkwiziti f'dan il-process, ma jirrizultax lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat ha dan l-envelop li kien jikkontjeni iktar minn erbat elef Ewro. Mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skond il-ligi. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubbju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skond il-ligi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Dwar it-**tieni imputazzjoni**, din il-Qorti wkoll tqies li mill-provi prodotti ma jirrizultax li tressqu provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli li kien proprju l-azzjoni ta' l-imputat li waslet ghall-ikkagunar tal-feriti hfief sofferti mill-imputat. Ghalkemm l-allegata vittma sostna f' xi parti mid-depozizzjoni tieghu li kien l-imputat li aggredieh u kkagunalu l-feriti, f' partijiet ohra mix-xhieda tieghu, huwa jsostni li ma kienx qed jara bid-dmija u lanqas jaf jekk l-aggressuri li kienu tlieta kellhomx xi haga f' idejhom waqt li kienu qed jattakkawh. F' parti mix-xhieda tieghu, l-allegata vittma qal ukoll li kien

hemm persuna li ghamillu anke sikkina m' ghonqu. Madanakollu, din il-Qorti ma ghandhiex dik il-konvinzjoni mehtiega dwar min effettivament ikkaguna lil Anas Alahmad il-griehi li soffra minnhom. Din il-Qorti ma tistax tibbaza ruhha fuq assunzjonijiet, izda trid taghti d-decizjoni taghha b' serhan il-mohh li tressqu dawk il-provi kollha necessarji li jwasslu ghal htija fl-imputat. Fin-nuqqas, kwalunkwe dubbju ghandhu jmur favur l-imputat. Huwa minnu wkoll li l-imputat ammetta li f' hin minnhom laqat lill-vittma izda ghal darb' ohra, jigi ribadit li kemm ix-xhud okulari u kif ukoll l-istess vittma ammettew li l-allegata vittma kienet qed tigi attakata fl-istess hin minn diversi persuni. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex dik ic-certezza rikjesta li kienet proprju d-daqqa li ta l-imputat lil Anas Alahmad li kkagunat il-feriti li garrab Alahmad Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra wkoll tillibera lil imputat minn din it-tieni imputazzjoni.

Dwar it-**tielet imputazzjoni** li tirrigwarda allegat biza' li ser tintuza vjolenza u cioe' dak ir-reat kontemplat f-artikolu 251B tal-Kap 9, issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bajada deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013:

> *"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi*

*f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms*

*or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din ilQorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

Ssir riferenza wkoll ghas-sentenza Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Frar 2011:

*"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni*

*ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi ilharassement taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:*

*… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara xxebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on*

*each of those occasions…" . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct"*

*ghall-fini talimsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond iccirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din ilkawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."* (Vide wkoll is-sentenza moghtija fit-13 ta' Marzu 2020 minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Ciappara).

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Settembru, 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. Elizabeth Azzopardi ntqal li:

*Illi riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar*

*2009 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini:*

*"Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Massimo Tivisini deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:*
*"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma*
*jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez [21.6.07]:- "...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien".*
*[...]*
*Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A,*

*251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht irraba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik limgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra.*

*Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Flartikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing...distress') lill-persuna. [...]*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju*

*jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi flapplikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it- tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".*

*Din il-Qorti zzid dan li gej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: 'A person must not pursue a course of conduct' li fil-ligi taghna hekk: 'Persuna li ggib ruhha'.*
*Skont l-Archbold: 'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC).*
*In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two*

> *incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*
>
> *Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness;*
> *and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan".*
>
> *Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed."*

Il-ligi ghalhekk titkellem dwar "imgieba", *a course of conduct*. Din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar dan l-allegat *course of conduct*. Huwa minnu li l-allegata vittma sostniet li kien jigi segwit izda fid-depozizzjoni tieghu la indika meta allegatament dan sehh u lanqas minn min allegatament kien qed jigi segwit. In fatti, huwa

jitkellem fil-plural u ma jirreferix ghal min kien qed jirreferi. La jsemmi dati jew hinijiet jew ghal-inqas il-post fejn allegatament sehhew dawn l-allegati incidenti. Izid jghid ukoll li huwa qatt ma ghamel rapporti dwar dawn l-incidenti l-ohra. Ghalhekk, din il-Qorti ma tqisx li ghandha dak il-konvinciment necessarju biex issib htija fl-imputat dwar din it-tielet imputazzjoni.

Dwar ir-**raba' imputazzjoni,** l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat kontravvenzjonali prospettat f'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta cioe il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika. Din il-kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija 'a breach of public peace'. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Fil-kawza Il-Pulizija vs Pio Galea moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997 deciza fis-17 t' Ottubru 1997 fejn intqal li biex jissussisti dan ir-reat:

> "*irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*"

Illi rrizulta li dan l-incident sehh barra f' Marsalforn, u li x-xhud okulari Al Tabib sa anke pprova jferraq lil partijiet involuti inkluz lil imputat izda imbaghad meta ma rnexxilux resaq ghal genb ghaliex ma riedx jidhol fil-glieda. Irrizulta mix-xhieda ta' Al Tabib u anke mix-xhieda l-ohra mismugha kemm

tal-vittma kif ukoll mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat, li kien hemm skambju ta' kliem u argument li eskala. Dan jikkostitwixxi ksur ta' bon ordni u paci pubblika kif hawn deskritt. Ghaldaqstant l-imputat sejjer jinstab hati ta' din ir-raba' imputazzjoni.

Fir-rigward ta' piena, din il-Qorti tqies li ghandha twissi lil imputat biex ma jergax kif ukoll fic-cirkostanzi sejra tohrog ordni ta' trazzin a favur ta' Anas Alahmad. Dwar l-ispejjez tal-esperti mahtura, in vista li mhijiex qed issib htija fl-imputat fir-rigward ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, din il-Qorti mhijiex ser tordna li l-ispejjez relattivi ghal tali esperti jigu sopportati mill-imputat.

**Decide**

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti mhux qegħda ssib lil-imputat hati fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet filwaqt li wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati u twissih biex ma jerġax. In oltre u b'applikazzjoni tal-Artikoli 382A u 412C tal-istess Kapitolu 9, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Anas Alahmad, qed tpoġġi lill-hati taħt Ordni ta' Trażżin għal perjodu ta' sentejn taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**(ft.) Dr. Simone Grech**

**Maġistrat**

**(ft.) Diane Farrugia**

**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**